MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-03 ta’ Frar, 2021

Appell Inferjuri Numru 68/2019 LM

**Abdulkerim Abagero Abas (K.I. 67947A)**
*(“l-appellat”)*

***vs.***

**Malta Public Transport Services (Operations) Limited (C 48875)**
*(“is-soċjetà appellanta”)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà inimata **Malta Public Transport Services (Operations) Limited (C 48875)** (minn issa ’l quddiem “is-soċjetà appellanta”), mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali (minn issa ’l quddiem “it-Tribunal”), fis-26 ta’ Lulju, 2019, li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda li,

*"The Tribunal had on one hand, to weigh the gravity of the behaviour of Mr Abdulkerim Abagero Abas which was serious and justified at law and on the other hand the way the company managed the disciplinary action which failed to ensure that plaintiff was fully understanding the implications of what was being served and by deduction lacked the ability to offer the best defence possible, as well as, the lack of clarity in the relevant warning letters whereby they do not explicitly include the wording that further disciplinary measures includes: Dismissal.*

*Having examined and evaluated the statements of case, testimonies, documents and submissions presented and made by both parties, and having made the aforementioned considerations, the Tribunal, taking all aforementioned elements in their totality and complexity, deems the Defendant's decision to dismiss the Plaintiff to have been unjust.*

***Compensation***

*The Defendant shall by way of compensation pay the Plaintiff eight hundred euros (€800) within four weeks from the decision of this case.*

*In accordance with Legal Notice 48 of 1986 of the Laws of Malta the representation fee for each party shall be €93.17. Each party in the case shall pay the respective fees to their legal counsel."*

## Fatti

2. Ir-rikorrent, hawnhekk "l-appellat", **Abdulkerim Abagero Abas (K.I. 67947A)** kien ilu impjegat mas-soċjetà intimata għal madwar sentejn. Huwa istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal wara li permezz ta' deċiżjoni tal-Bord tad-Dixxiplina kostitwit mis-soċjetà intimata, li ttieħdet fit-28 ta' Awwissu, 2018, ir-rikorrent ġie infurmat li l-impjieg li kellu mas-soċjetà intimata kien ġie tterminat. Ir-rikorrent issottometta li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu kienet waħda inġusta, u kien għalhekk li huwa resaq quddiem it-Tribunal sabiex jingħata rimedju, fejn saħaq li fiż-żmien meta huwa kien impjegat mas-soċjetà intimata, huwa kien suġġett għal diskriminazzjoni. Qal li huwa kien irċieva

żewġ twissijiet dwar *misconduct,* u konsegwentement ġie meqjus li huwa kien kkommetta *gross misconduct* u minħabba f'hekk ġie mressaq quddiem bord tad-dixxiplina. Ir-rikorrent qal li wara li ngħata l-ewwel twissija, huwa ġie mgħarraf li kellu jattendi għal smigħ dixxiplinarju fis-27 ta' Marzu, 2018 fid-09:45pm, fil-Head Office tal-kumpannija ġewwa Ħal Qormi, iżda meta mar għal dan is-smigħ fil-ħin indikat lilu, sab li l-ħin indikat ma kienx korrett, għaliex il-proċeduri kienu nstemgħu fl-09:45am, u in vista tal-fatt li hu m'attendiex għas-smigħ, il-każ kien meqjus bħala wieħed magħluq u konkluż. Ir-rikorrent qal li huwa ma ngħata l-ebda opportunità jikkontesta dan il-każ minkejja li kienet is-soċjetà intimata stess li żgwidatu dwar meta kellhom jinstemgħu l-proċeduri dixxiplinari fil-konfront tiegħu. B'riferiment għat-tieni twissija maħruġa fil-konfront tiegħu, ir-rikorrent spjega li mhuwiex minnu li huwa naqas milli jwettaq xi xogħol li kien assenjat lilu. Qal li huwa kien ħassu għajjien wara vjaġġ partikolari, u għalhekk ħass il-ħtieġa li jistrieħ għal ftit tal-ħin sabiex ma jpoġġix ħajtu u ħajjet il-passiġġieri fil-periklu. Qal li huwa għamel dan b'sens ta' responsabbilità u mhux biex jiskarta x-xogħol, u minkejja li huwa kien beda l-vjaġġ li kien imiss madwar għoxrin minuta tard, huwa beda u spiċċa l-vjaġġ li kellu jaħdem, kuntrarjament għal dak allegat mis-soċjetà intimata. Ir-rikorrent jgħid li minkejja dan kollu, is-soċjetà intimata sabitu ħati u għalhekk ipproċediet biex tkeċċih mill-impjieg. Żied jgħid li s-soċjetà intimata imxiet b'mod diskriminatorju fil-konfront tiegħu, u għalhekk it-tkeċċija tiegħu mill-impjieg għandha titqies li hija waħda inġusta.

**<u>Mertu</u>**

3. Ir-rikorrent, hawnhekk "l-appellat" **Abdulkerim Abagero Abas** istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal u allega li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg mas-soċjetà intimata kienet waħda diskriminatorja u inġusta, u għalhekk talab li t-Tribunal jiddikjara li t-tkeċċija tiegħu kienet waħda inġusta u mhux ġustifikata fil-liġi, li jordna lis-soċjetà intimata tirrintegra lir-rikorrent fl-impjieg li kellu, u dan taħt l-istess termini u kundizzjonijiet li kien impjegat bihom qabel ġie mkeċċi, jillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent b'konsegwenza tad-deċiżjoni li r-rikorrent jitkeċċa mill-impjieg, u jordna lis-soċjetà intimata tħallas id-danni hekk likwidati.

4. Is-soċjetà intimata eċċepiet li t-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg saret għal raġunijiet ġusti u suffiċjenti, u li preliminarjament ir-rikorrent irid jispeċifika fuq liema bażi u għal liema raġunijiet huwa qiegħed isostni li kien diskriminat fl-impjieg tiegħu. Tgħid li hija għandha l-funzjoni li tassigura li jingħata servizz ta' trasport pubbliku madwar il-pajjiż, u r-rikorrent kien impjegat magħha bħala xufier b'kuntratt tax-xogħol datat il-5 ta' Ottubru, 2016. Spjegat li r-rwol tar-rikorrent kien wieħed importanti sabiex jiġi assigurat li jingħata s-servizz ta' trasport pubbliku madwar il-pajjiż. Spjegat li matul l-inkarigu tiegħu, ir-rikorrent kellu diversi offiżi dixxiplinarji li tniżżlu fil-*performance record sheet* tiegħu, u kien hemm istanzi meta huwa telaq tard bil-vjaġġi tiegħu, tant hu hekk li ġew anki rreġistrati ilmenti minn xi passiġġieri. Żiedet tgħid li fil-konfront tar-rikorrent ittieħdu passi dixxiplinarji, fejn ir-rikorrent intalab jagħti l-verżjoni tiegħu tal-fatti u jispjega ruħu, imma huwa naqas milli jattendi għall-proċess dixxiplinarju u għaldaqstant instab ħati tal-

akkużi miġjuba kontra tiegħu. Qalet ukoll li minkejja li kien hemm żball fil-ħin indikat fuq l-ittra li ntbagħtet lir-rikorrent, ma kienx raġonevoli li r-rikorrent jaħseb li s-smigħ tal-proċeduri fil-konfront tiegħu kien ser isir fl-għaxra neqsin kwart ta' billejl, u kien ikun aktar raġonevoli li kieku dan talab kjarifika dwar il-ħin, minflok qabad u ma attendiex quddiem il-Bord ta' Dixxiplina. Is-soċjetà intimata eċċepiet ukoll li wara dan l-episodju, ir-rikorrent irċieva żewġ *charge letters* oħrajn, għaliex darba minnhom huwa rrapporta għax-xogħol disgħin minuta tard mingħajr ebda ġustifikazzjoni, u darba oħra kellu inċident bix-xarabank li kien qiegħed isuq fil-*park and ride* tal-Marsa. Ġie spjegat li għal dawn iż-żewġ offiżi ħarġu żewġ twissijiet bil-miktub, imma l-inċident li wassal għat-tkeċċija tar-rikorrent kien dak li seħħ fid-29 ta' Lulju, 2018, meta r-rikorrent minflok saq lejn il-*park and ride* tal-Marsa mill-Isptar Mater Dei, kif kien mitlub li jagħmel, ma telaqx bir-rotta mill-Isptar Mater Dei u minflok iddeċieda li jieħu nagħsa fix-xarabank sal-17:35pm, u dan minkejja li kien intbagħat messaġġ lir-rikorrent mill-*control room* sabiex jibda bil-vjaġġ tiegħu. Is-soċjetà intimata spjegat li minħabba dan l-episodju, ir-rikorrent tilef żewġ rotot, waħda bejn Mater Dei u l-*park and ride* tal-Marsa, u l-oħra bejn il-Marsa u ż-Żejtun. Qalet li kien għalhekk li fil-31 ta' Lulju, 2018, inħarġet *charge letter* fejn ir-rikorrent ġie nnotifikat li kellu jidher għall-proċess dixxiplinarju fit-22 ta' Awwissu, 2018, f'liema proċess ir-rikorrent kellu dritt jagħti l-verżjoni tiegħu tal-fatti. Żiedet tgħid li d-deċiżjoni li l-impjieg tar-rikorrent jiġi tterminat ittieħdet wara li ġie kkonsidrat in-numru sostanzjali ta' *warnings* fil-*performance record sheet* tar-rikorrent. Is-soċjetà intimata kkonkludiet billi qalet li dan kien każ ta' insubordinament ta' wieħed mill-impjegati tagħha għall-ordnijiet mogħtija lilu, u huwa proprju dan it-tip ta' aġir irresponsabbli u

traskurat li jagħti reputazzjoni ħażina lilha, filwaqt li jikkawża telf ta' ħin lill-klijenti u danni inġenti lilha konsistenti f'multi imposti fuqha minn Transport Malta.

5. Flimkien mar-rikors tiegħu, ir-rikorrent ippreżenta kopja tal-ittra li ntbagħtitlu fit-28 ta' Awwissu, 2018, fejn huwa ġie infurmat li l-impjieg tiegħu mas-soċjetà intimata kien ġie tterminat. F'din l-ittra, ir-rikorrent ġie infurmat illi, "*after considering all available evidence, I regret to inform you that the Company has decided that your employment will be terminated with immediate effect."* Ġew ippreżentati wkoll il-minuti tal-Bord tad-Dixxiplina tas-soċjetà intimata, li sar fit-22 ta' Awwissu, 2018, fejn ġie deċiż li r-rikorrent kellu jitkeċċa mill-impjieg. Mill-minuti li nżammu mill-Bord, jirriżulta illi "*he had received more than two misconduct warnings and this charge is therefore considered by the Company as a Gross Misconduct Offence. The Company presented reports of the unauthorised stay by the Accused at Mater Dei. The Accused stated that when he arrived at Mater Dei with Bus 741 he felt tired and took a nap. He had overslept and failed to perform the next duty assigned to him."* Ir-rikorrent ippreżenta wkoll l-ittra bl-avviż tas-smigħ tal-proċeduri dixxiplinarji fil-konfront tiegħu, fejn huwa ġie infurmat li kellu jattendi quddiem il-Bord tad-Dixxiplina fis-27 ta' Marzu, 2018, fl-09:45pm.

6. Min-naħa tagħha s-soċjetà intimata ppreżentat kopja tal-kuntratt ta' impjieg tar-rikorrent, *logs* ta' wħud mill-vjaġġi li kellu jagħmel ir-rikorrent, kopja tal-ilment li daħal fit-28 ta' Frar, 2018 mingħand passiġġiera li tħalliet

tistenna mir-rikorrent, kif ukoll kopji tal-ittri li permezz tagħhom ir-rikorrent ġie mgħarraf bil-proċeduri dixxiplinarji li kienu ser jittieħdu fil-konfront tiegħu.

7. Quddiem it-Tribunal xhedu fost l-oħrajn **Joseph Simiana**, *Operations Deputy Director* tas-soċjetà intimata, li qal li r-rikorrent kien impjegat bħala xufier tal-karozzi tal-linja mal-istess kumpannija. Qal li mir-*records* tal-kumpannija jirriżulta li r-rikorrent ingħata b'kollox tmien twissijiet ta' natura dixxiplinarja. Ix-xhud spjega li, *"there are minor warnings, there are misconducts and there are gross misconducts ... We have to go by steps, we don't just punish them the first time they come late. We see what they do and we act accordingly but it needs to be three times then it will go up to a warning and then if there are three warnings, with the misconducts then it will escalate to a gross misconduct. Jiġifieri after three warnings according to collective agreement it should be a gross misconduct."* Ix-xhud spjega li s-soċjetà intimata għandha mekkaniżmi kif mill-*control room* tagħha tkun taf jekk il-vetturi li suppost qegħdin jintużaw biex jagħtu servizz lill-pubbliku humiex qegħdin fir-rotta kif suppost, jew inkella jkunux inqabdu fit-traffiku, u f'dan il-każ kien ġie innutat li l-karozza tal-linja li suppost kellu jsuq ir-rikorrent mill-Isptar Mater Dei ma kinitx għamlet ir-rotta tagħha. Ix-xhud spjega li s-soċjetà intimata għandha l-funzjoni importanti li tagħti servizz lill-pubbliku, u għalhekk kull ilment li jasal mingħand il-pubbliku jittieħed b'serjetà. Qal li meta l-kumpannija tonqos milli tipprovdi xi vjaġġi fuq ċerti rotot, Transport Malta timponi multi. Xehed ukoll **Roderick Bajada**, esponent ieħor tas-soċjetà intimata, li spjega li hemm numru ta' offiżi li s-soċjetà intimata tqis li huma gravi biżżejjed sabiex jimmeritaw tkeċċija.

Quddiem it-Tribunal xehed ukoll ir-rikorrent, li spjega li dakinhar tal-inċident li wassal għat-tkeċċija tiegħu, huwa kien irrapporta għax-xogħol minkejja li kien għajjien u ħassu ma jiflaħx. Qal li Transport Malta għandha regoli li jgħidu li l-ebda sewwieq m'għandu jsuq vettura jekk iħossu għajjien. Qal li ħin minnhom, b'sens ta' responsabbilità lejn il-passiġġieri li kellu jrikkeb miegħu, huwa ddeċieda li jieqaf jistrieħ ftit. Qal li dak iż-żmien huwa kien qiegħed jagħmel ħafna sahra, u dan wassal biex f'dik il-ġurnata partikolari ħassu ma jiflaħx. B'riferiment għall-ġurnata meta kellhom jinstemgħu l-proċeduri dixxiplinarji fil-konfront tiegħu, ir-rikorrent qal li huwa ġie infurmat li kellu jattendi f'ħin li ma kienx korrett, u minkejja dan huwa ma ngħatax appuntament għas-smigħ f'data oħra. Qal ukoll li huwa jħoss li ġie diskriminat diversi drabi, meta kien imur jinvistah it-tabib tal-kumpannija fil-ġranet li kien jirrapporta li huwa marid, u dan kien jgħidlu li ma jemmnux li hu ma kienx jiflaħ. Ir-rikorrent allega wkoll li kien hemm għadd ta' drabi meta huwa ngħata twissija għaliex kien hemm min fil-kumpannija, li riedu jitkeċċa mill-impjieg. Qal ukoll li huwa kien involut f'inċident meta laqat ċint żgħir, u konsegwentement il-kumpannija ddeċidiet li ma tħallsux il-bonus ta' €600 fis-sena li jingħata lill-impjegati tagħha. Ir-rikorrent qal li kien hemm ukoll żewġ episodji oħra meta huwa wasal tard għax-xogħol, għaliex aktar kmieni f'dik il-ġurnata huwa kien irrapporta li ħassu ma jiflaħx, u l-kumpannija m'aċċettatx li hu jkun *sick leave.* Ir-rikorrent spjega wkoll li dakinhar tal-inċident li wassal għat-tkeċċija tiegħu, huwa mhux rieqed fil-karozza kien, imma kien ħassu ħażin.

**Id-deċiżjoni appellata**

8. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fis-26 ta' Lulju, 2019 it-Tribunal ikkonkluda li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent mas-soċjetà intimata ma kinitx waħda ġusta, u għalhekk laqa' t-talba tiegħu għal-likwidazzjoni ta' kumpens, li ġie stabbilit li għandu jkun fl-ammont ta' tmien mitt Euro (€800), li jridu jitħallsu lill-appellant fi żmien erba' ġimgħat mid-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Facts of the case***

*The Plaintiff was employed by the said company namely Malta Public Transport Operations Limited hereunder referred to as "the company" since October of 2016 in the role of a scheduled bus driver on a full time basis.*

*That on the 28th August, 2018 the company terminated the employment on the basis that Mr Abdulkerim Abagero Abas failed to perform job related tasks assigned. This is an offence as per Malta Public Transport policies and procedures of the Collective Agreement, which reads:*

1) *Receiving more than two misconducts (sic!) written warnings;*
2) *Disobeying company instructions or procedures.*

*The company provided evidence namely Dok. MPT2, 3, 4, 5, 13, 14, 15, 16, 17, that the employee Mr Abdulkerim Abagero Abas had a series of warnings namely Dok. MPT8, 11, 12 as well as, produced the performance record covering all the above offences including the more serious misconducts and gross misconducts. According to the Collective Agreement 2016/2020 such offences carry various penalties including suspension without pay of more than fifteen days or termination of employment for good and sufficient cause, reference collective agreement clause 38.5.*

*On the other hand Mr Abdulkerim Abagero Abas claims that he had been the subject of discrimination as he had been notified to attend a disciplinary hearing on the 27th March, 2018 which gave the wrong time for the hearing and due to this fact missed being heard but nonetheless he was found guilty as charged and penalised.*

*He also claims that another warning was unjustly issued as he claims that the delay in performing the next duty was not due to a deliberate act to skip the trip but because he needed to rest and which if he failed to do so might have jeopardised the lives of his passengers and himself.*

*Mr Abdulkerim Abagero Abas felt that these are the basis upon which he claims discrimination in his regard and therefore renders the dismissal unjust.*

***Considerations***

*The Tribunal noted the claim by Mr Abdulkerim Abagero Abas that although he welcomed working overtime, sometimes it got too much for him especially when such overtime work was mandated. He claims that tiredness sometimes made him feel sick and actually reported sick on a number of occasions. Moreover, he claims that the doctor seemed to question the motive behind the sick report and this caused the employee to report for work even though he did not feel up to it.*

*It was also noted that Abdulkerim Abagero Abas is a foreign national with limited command of the English language and therefore such situation makes communication more difficult. In this regard provisions that ensure that information does not only flow but it serves its purpose of getting the message through and implications understood, assumes greater importance.*

*The Tribunal noted and established how the plaintiff was served with a written warning dated 22nd August, 2018 about an offence which was described as "Gross Misconduct" after he was called for a hearing at the wrong time of the day namely indicated to attend at 09.45pm instead of 09.45am. The Tribunal noted how this mistake was either not noted by Management or if noted was not corrected. The absence of the plaintiff from the disciplinary proceeding did not trigger any alert to Management that something could be amiss.*

*It was noted how Mr Abdulkerim Abagero Abas failed to produce a report for the two charges dated 17th April, 2018 re incident of the 11th April, 2018 and the other of the 31st July, 2018 re incident of the 27th July, 2018 which once again, the lack of response did not trigger any alert to Management that something could be amiss.*

*It was noted how despite the eight warnings on his record Mr Abdulkerim Abagero Abas chose, not to use the grievance procedures contemplated in the Collective Agreement to address any concerns that he had and neither used the services of a trade union in his defence. In addition he even failed to appeal the dismissal decision dated 28th August, 2018. Once again none of these omissions which would have*

*given the plaintiff legitimate recourse to justice triggered any alert to Management that something is not adding up.*

*The allegations by Mr Abdulkerim Abagero Abas that his immediate supervisors in the company abused their position, by their lack of good people management practices and the use of racist language, was also noted.*

*The Tribunal noted the disciplinary procedure followed by the company and its attention to adhere to the provisions of the collective agreement. In particular notes the standard format of the:*

*(i) Disciplinary Hearing form*
*(ii) The appointment details for disciplinary hearing for Gross Misconduct*
*(iii) The Charge letter for Gross Misconduct*

*The sophisticated nature of tracking the buses on route as well as its system of communicating with the drivers via their ticket system apart from the cell phone facility was also noted. In addition, it was also noted that when the communication through the ticket system and through the cell phone failed to reach Mr Abdulkerim Abagero Abas on the 31st July, 2018, the control room was creative by reaching out to another driver in the vicinity who could personally speak to the plaintiff and check on his well-being.*

***4 Decision***

*The company produced extensive documentary evidence as mentioned above while the testimonies of Mr C Baldacchino (driver), Mr G Vitale (control room operator) and Mr J Simiana (Operations deputy director) corroborate adequately the said documentary evidence. There is no justification for plaintiff to have left the passengers waiting for circa half an hour when he was supposed to have departed half an hour before. There is also no justification for citing tiredness as a reason to skip a scheduled trip on the 31st July, 2018. If the situation was so serious that plaintiff could not drive for safety reasons, the reasonable thing to do was to call the Control Room to send a replacement and if no one took the call, seek another driver in the vicinity to assist and if this did not work keep trying to contact the office. It can never be acceptable to abandon duties at work and instead go to sleep. The suggestion that plaintiff might have fainted and not slept is not plausible as it is not consistent with the transcript of the telephone conversation between the plaintiff and Mr G Vitale.*

*Mr Abdulkerim Abagero Abas often referred to his grievances as discrimination but the Tribunal could find no discriminatory acts, as defined by law, from Management and therefore this allegation about discrimination was not proved.*

*In this regard the company proved that it had good grounds to dismiss plaintiff. However, the Tribunal needed to consider also the context within which the case was framed and the reality of the situation as perceived from all angles.*

*In this case, apart from the fact that Mr Abdulkerim Abagero Abas was an employee of the company is a migrant with refugee status. To make a success of his role he needs to understand and internalise both the operational and the administrative rules of the company, like any other employee but being a migrant it may require additional effort and being a refugee may require even more effort. The Human Resource department of the company is in pole position to facilitate or otherwise this process. The cultural implications of migrant workers are critical for successful integration at the place of work. In this regard one has to note that the barriers to integration may not only be linguistic in nature but the mere systems of grievance procedures, fair hearing, due process, work place counselling and membership in a trade union may be alien concepts and sometimes confusing. Such social sophistication is unfortunately not the experience of most migrant refugees.*

*In this regard, it might not come as a total surprise that after receiving the warning of gross misconduct dated 5th April, 2018 Mr Abdulkerim Abagero Abas failed to report to HR the fact that he had an unfair hearing and did not contest the warning. He was right in saying that the error of the time of the hearing reading 09.45pm instetad of 09.45am was not his mistake and therefore it is reasonable to expect that he would lodge a formal complaint with HR. Yet he did not. Actually, he never resorted to the grievance process contemplated in the collective agreement. This begs the question – was he aware of how the company manages its administrative side of the business and in particular how to present a grievance to management?*

*Moreover, the plaintiff failed to respond to the warning dated 22nd August, 2018 emanating from the failed hearing of the 27th March, 2018, and failed to respond to the charges of the 17th April, and 31st July, 2018. In addition he even failed to appeal his dismissal from the company.*

*Despite the overwhelming evidence of the precariousness of his employment position, he chose to place himself in further vulnerability by not seeking assistance, which, a reasonably intelligent person like Mr Abdulkerim Abagero Abas would not be expected to do but he did. This begs a second question how aware was Mr*

*Abdulkerim Abagero Abas of the implications of the disciplinary procedures and the corresponding documentation that he was being served with?*

*The conclusion that the Tribunal comes to is that Mr Abdulkerim Abagero Abas faced challenges in navigating his way thorugh the administrative procedures of the company. He was trying to work in a system whose knowledge and understanding of was limited, at best, to the operational side of the business while ignorant of how the administrative and the people relations side of the company worked, namely the HR system and the processing of staff complaints and the wider picture of the disciplinary policy and its implications.*

*On the other hand, while the eight warnings clearly indicated that the disciplinary approach was not having the desired effect and that the logical conclusion to this state of affairs would likely be dismissal, the company was not at all alerted that it is unorthodox that an employee chooses not to defend himself in a high risk situation that might lead to him losing his job. In such a context it is reasonable to expect that the Human Resource Department calls in the employee and investigates such unorthodox behaviour and figure out what the reality is. The Tribunal finds no evidence of such reasonableness.*

*The Collective Agreement has a clear disciplinary policy reference clause 38 and consistent with this policy the company developed tools such as:*

*(i) Disciplinary Hearing Form*
*(ii) The appointment details for disciplinary hearing for Gross Misconduct*
*(iii) The Charge letter for Gross Misconduct*

*The Tribunal notes that these documents tend to satisfy the more legal elements of the process and less on the implications of the process. One very important document in this regard is the Disciplinary Hearing Form. This form ensures that the person charged with the offence has:*

*(i) Understood the purpose of the disciplinary process, and for those who chose to represent themselves;*
*(ii) Confirm that they have chosen not to be assisted in the disciplinary procedure;*
*(iii) Confirm that they received the Charge letter; and*
*(iv) Confirm that they received the letter of summons.*

*However there is nothing that indicates whether the employee understands not only the process but also the implications of such confirmations. For the native employee these things might be easier to understand but for a migrant refugee who has*

*limitations even at the language level let alone at the cultural level, may hold little substance.*

*The disciplinary procedures are an integral part of what constitutes a good and sufficient cause for dismissal and therefore form is an important element but so is substance. The employee needs to understand not only the way the process will work (legal aspect) but also understands how best to defend himself and the implications that such process might have on his employment relationship with the company (human aspect). While the former element is well catered for by the Human Resource Department, the latter is missing. A just process requires both.*

*The idea of a one size fits all, in this case one form fits all employees, risks excluding some of the employees and this is where the possibility of injustice and inequality creeps into the system.*

*Alternatively, the concept of heterogeneity adopts an individual rather than a group approach and while it has one standard for all, it communicates and deals with different persons in different ways to ensure that the standard is achieved by all and not only by those in the dominant group.*

*Reasonable accomodation is needed not because it is a right or privilege but a pragmatic measure stemming from the basic principle of equality and fairness – different treatment without being preferential.*

*Apart from imparting information about the process, the company has to ensure that the charged employee understands the implications and possible consequences emanating from the process.*

*This standard assumes greater importance when the consequence may include dismissal which for an employee this is the capital punishment of employment.*

*Clause 38.1 of the Collective Agreement contemplates informal counselling and Mr Abdulkerim Abagero Abas badly needed a professional HR person to counsel him and explain in no uncertain terms that his behaviour at work, if it continued as it was, was heading to the obvious outcome that is dismissal. This very important aspect of people management which would have placed the company in an excellent position to better understand the rationale of his behaviour and gain the opportunity to influence the employee positively rather than punitively was missed. Not one single document was produced to satisfy the Tribunal that the company spared some time and effort in this pro-active response.*

*The litmus test in such situations is whether the charged person was placed in the best position to make an informed decision about how best to defend oneself against the possibility of dismissal.*

*The Tribunal feels that the company fell short of the standard expected.*

*Moreover, the written warnings reference Dok. MPT11 and 12 state that:*

*'Abdulkerim, the company wants to believe that you will do your best to improve your performance. Should this not be the case, you would leave the company no option but to adopt further disciplinary measures.'*

*In this case, further disciplinary measures include the capital punishment of employment that is dismissal and in that regard it is imperative that it is spelled out loud and clear for the receiver of the warning to understand the serious risks involved. There need to be no ambiguity in this regard and a warning that may lead to dismissal needs to state so clearly.*

*This detail is imperative in such a context and if missing seriously weakens the case for the company.*

*In this case the warnings reference Dok MPT11 and 12 do not carry this element clearly.*

*The Tribunal had on one hand, to weigh the gravity of the behaviour of Mr Abdulkerim Abagero Abas which was serious and justified at law and on the other hand the company managed the disciplinary action which failed to ensure that plaintiff was fully understanding the implications of what was being served and by deduction lacked the ability to offer the best defence possible, as well as, the lack of clarity in the relevant warning letters whereby they do not explicitly include the wording that further disciplinary measures includes: Dismissal.*

*Having examined and evaluated the statements of case, testimonies, documents and submissions presented and made by both parties, and having made the aforementioned considerations, the Tribunal, taking all the aforementioned elements in their totality and complexity, deems the Defendant's decision to dismiss the Plaintiff to have been unjust.*

### *5 Compensation*

*The Defendant shall by way of compensation pay the Plaintiff Eight Hundred euros (€800 within four weeks from the decision of this case.*

> *In accordance with Legal Notie 48 of 1986 of the Laws of Malta the representation fees for each party shall be €93.17. Each party in the case shall pay the respective fees to their legal counsel.*
>
> *Tribunal Decision deems this Case closed."*

**L-Appell**

9. Is-soċjetà appellanta ppreżentat l-appell tagħha minn din id-deċiżjoni fl-1 ta' Awwissu, 2019, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex,

> *"... tilqa' l-aggravji u l-appell tagħha, u tordna illi tħassar, tannulla u/jew tirrevoka d-deċiżjoni appellata tat-Tribunal Industrijali datata s-26 ta' Lulju, 2019 fuq riferita, taqta' l-istess kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà appellanti stante illi t-tkeċċija in kwistjoni kienet ġusta u suffiċjenti skont il-liġi.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti."*

10. Is-soċjetà appellanta tgħid li hija ħasset ruħha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal għal diversi raġunijiet, fosthom li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija illoġika, u ma ssegwix u ma timxix mad-dettami tal-liġi u l-ġurisprudenza stabbiliti dwar dak li jikkostitwixxi "tkeċċija inġusta" *ai termini* tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija bbażata fuq konsiderazzjonijiet illi qatt ma tqajmu mill-ebda parti, u għaldaqstant huma bi ksur tal-prinċipju '*iuxta allegata et probata'.* Is-soċjetà appellanta tgħid ukoll li anki f'każ li jirriżulta lil din il-Qorti li kien hemm xi nuqqasijiet fil-proċeduri dixxiplinarji tas-soċjetà appellanta, xorta waħda l-appellat ma kienx jimmeritah kumpens għaliex it-tkeċċija saret għal raġunijiet validi li jaħti għalihom biss l-appellat.

11. Is-soċjetà appellanta tgħid li minkejja x-xhieda ta' diversi persuni, u provi komprensivi u skjaċċanti mressqa minnha, u minkejja li t-Tribunal stess iddikjara li ma kien hemm l-ebda ġustifikazzjoni għalfejn ir-rikorrent ħalla lill-passiġġieri jistennew madwar nofs siegħa, u ma kien hemm l-ebda ġustifikazzjoni għalfejn ir-rikorrent raqad minflok għamel il-vjaġġ li kellu jagħmel, fl-istess ħin it-Tribunal wasal għall-konklużjoni li t-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg kienet waħda 'inġusta'. Is-soċjetà appellanta tgħid li din id-deċiżjoni tat-Tribunal hija waħda konfliġġenti għall-aħħar, u t-Tribunal ma setax isib li t-tkeċċija inkwistjoni kienet waħda ġustifikata, u fl-istess ħin jillikwida l-kumpens li għandu jitħallas lir-rikorrent. Is-soċjetà appellanta għamlet riferiment ukoll għall-parti tad-deċiżjoni appellata li tgħid li hija segwiet il-proċeduri dixxiplinarji stabbiliti, kif ukoll li hija aderiet mad-dispożizzjonijiet tal-ftehim kollettiv. Is-soċjetà appellanta qalet li minkejja li t-Tribunal ikkonkluda li l-appellat ma missux għamel dak li għamel, u li hija għalhekk kellha raġunijiet tajbin sabiex tittermina l-impjieg tiegħu skont il-liġi, anki għaliex jirriżulta li hija mxiet mal-proċeduri dixxiplinarji stabbiliti, filwaqt li l-appellat ma rnexxilux jipprova li kien hemm diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu, xorta waħda t-Tribunal wasal għall-konklużjoni li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat kienet waħda inġusta.

12. Is-soċjetà appellanta qalet ukoll li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija bbażata fuq konsiderazzjonijiet li ma kinux tqajmu mill-partijiet, u għalhekk huma bi ksur tal-prinċipju *iuxta allegata et probata.* L-appellanta qalet li d-deċiżjoni tat-Tribunal li t-tkeċċija tal-appellat kienet waħda inġusta hija msejsa fuq konsiderazzjonijiet li ma kinux tqajmu mill-partijiet, u li jinjoraw għalkollox it-

talbiet u l-eċċezzjonijiet sottomessi lit-Tribunal. Qalet li wara li t-Tribunal ikkonkluda b'mod pjuttost konvinċenti, li l-appellanta kellha raġunijiet validi sabiex tkeċċi lill-appellat, it-Tribunal qajjem diversi punti, raġunamenti u konklużjonijiet li bl-ebda mod ma tqajmu mill-partijiet, u li ma kinux ġew ikkontestati. L-appellanta qalet li f'dan il-każ, it-Tribunal, minflok ikkunsidra l-eċċezzjonijiet, it-talbiet u l-argumenti miġjuba quddiemu, kif kellu jagħmel, għamel konsiderazzjonijiet u argumenti li tqajmu *ex officio* mingħajr ma ġew sollevati mill-partijiet, u ddeċieda din il-kwistjoni tax-xogħol abbażi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet. Qalet li r-rikorrent fl-ebda waqt ma allega li kien ffaċċja problemi fl-impjieg tiegħu għax ma kienx familjari mar-regoli operattivi u amministrattivi tas-soċjetà appellanta jew mal-implikazzjonijiet tal-proċeduri dixxiplinarji, anzi huwa fehem sew id-diversi twissijiet li kien ingħata u li setgħu jwassluh biex jitlef xogħlu. Is-soċjetà appellanta qalet li l-appellant fl-ebda waqt ma qal li ma kienx qiegħed jifhem id-dokumenti mgħoddija lilu, jew l-implikazzjonijiet tagħhom, jew li ma fehemx x'kien l-aħjar mod kif jiddefendi ruħu fil-proċess dixxiplinarju. L-appellanta qalet li meta l-appellat ġie mistoqsi jekk fehemx li fil-proċess dixxiplinarju huwa seta' jkun assistit minn rappreżentant tal-*union,* huwa wieġeb fl-affermattiv, iżda fir-realtà għażel li ma jkunx assistit fil-proċeduri. Żiedet tgħid li t-Tribunal ma sab l-ebda prova ta' xi forma ta' diskriminazzjoni mġarrba mill-appellat, u qalet li s-sistema fl-ordinament ġuridiku Malti hija tali fejn l-eċċezzjonijiet u t-talbiet jiġu mmexxija mill-partijiet u mhux mill-ġudikant li huwa adit bis-setgħa li jiddeċiedi l-każ li jkollu quddiemu fid-diskrezzjoni tiegħu abbażi tat-talbiet u l-eċċezzjonijiet li ppreżentati mill-partijiet. Spjegat li t-Tribunal Industrijali wkoll huwa marbut jadotta proċeduri ta' natura avversarja, ta' parti kontra l-oħra, kif stabbilit fl-

artikolu 3(2) tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva. Kompliet tgħid li għaldaqstant it-Tribunal kellu jiddeċiedi l-kawża fuq il-mertu kif mressaq mill-partijiet, u mhux abbażi ta' interpretazzjoni u linja ta' argumentazzjoni dubjuża li qatt ma tqajmet minn xi waħda mill-partijiet. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq l-assunzjoni inkorretta li ladarba l-appellat huwa persuna ta' nazzjonalità Etjopjana, dan jifhem inqas minn ħaddieħor. Żiedet tgħid li din hija assunzjoni bbażata fuq perċezzjoni u ġeneralizzazzjoni u mhux fuq fatti, u hija ma kellhiex l-opportunità li tiddefendi ruħha kontra din l-asserzjoni, bi ksur tad-dritt tagħha għal smigħ xieraq u tal-prinċipji bażilari tal-ġustizzja naturali, *audi alteram partem.* Is-soċjetà appellanta qalet li tul il-kors tal-proċeduri, l-appellat wera li kien qiegħed jifhem tajjeb il-lingwa li ntużat fil-proċeduri, u kellu wkoll assistenza legali tul il-proċeduri kollha quddiem it-Tribunal. Is-soċjetà appellanta kompliet tgħid li t-Tribunal mar oltre dak li kellu jikkunsidra meta sab li t-tkeċċija, allavolja waħda ġustifikata u ġustifikabbli, kienet waħda inġusta abbażi ta' konsiderazzjonijiet u assunzjonijiet li qatt ma saru u/jew tqajmu mill-partijiet. L-appellanta qalet ukoll li f'każ li t-Tribunal qiegħed jiddeċiedi li r-rikorrent kellu jingħata kumpens minħabba li huwa messu ġie ttrattat b'mod differenti, dan ifisser li t-Tribunal qiegħed jiddeċiedi dwar punt relatat mad-diskriminazzjoni, u f'punti relatati mad-diskriminazzjoni, it-Tribunal irid bilfors ikun kompost minn *chairperson* li jkun avukat b'esperjenza ta' mill-anqas seba' snin, li ma kienx il-każ hawnhekk.

13. B'riferiment għat-tielet aggravju mressaq minnha, is-soċjetà appellanta qalet li minkejja li t-Tribunal ikkonkluda li hija mxiet mal-proċedura kif

stipulata fil-Ftehim Kollettiv, jidher li t-Tribunal illikwida kumpens għaliex il-kumpannija naqset milli tassigura li l-appellat kien qiegħed jifhem l-implikazzjonijiet tal-proċeduri dixxiplinarji kontrih, u għaliex l-appellat ma setax jifhem li s-sanzjoni li kien qiegħed jiffaċċja kienet dik ta' tkeċċija mill-impjieg. Qalet li difett jew vizzju fil-proċedura mhux neċessarjament jivvizzja t-tkeċċija, speċjalment meta jiġi ppruvat li dan il-vizzju fil-proċedura ma kienx ser jagħmel differenza għaċ-ċirkostanzi tal-każ. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal innifsu sab li f'dan il-każ hija kienet aderiet mal-provvedimenti kollha tal-Ftehim Kollettiv. Is-soċjetà appellanta qalet li f'dan il-każ, ladarba jirriżulta li t-tkeċċija tal-appellat kienet waħda ġustifikata, m'hemmx lok għall-ħlas ta' kumpens lilu. Is-soċjetà appellanta qalet li ladarba f'dan il-każ instab li kien hemm raġunijiet tajbin biżżejjed li jiġġustifikaw it-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg, bl-ebda mod ma kellu jiġi deċiż li hija għandha tħallas kumpens lill-appellat, għaliex wara kollox ġie stabbilit li dan kien rieqed fil-karozza tal-linja li suppost kien qiegħed jaħdem biha.

14. L-appellat ma ressaq l-ebda risposta għar-rikors tal-appell tas-soċjetà appellanta, u minkejja li kien debitament notifikat b'dawn il-proċeduri, huwa ma kienx assistit waqt is-smigħ tal-appell.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

15. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata.

*L-ewwel aggravju:* *id-deċiżjoni tat-Tribunal hija waħda illoġika, ma ssegwix u ma timxix mad-dettami tal-liġi u l-ġurisprudenza stabbiliti dwar dak li jikkostitwixxi "tkeċċija inġusta"*

16. Is-soċjetà appellanta tgħid li minkejja x-xhieda u l-provi mressqa minnha partikolarment dwar l-aġir tal-appellat, u minkejja d-diversi konsiderazzjonijiet li għamel it-Tribunal dwar l-imġiba tal-appellat, it-Tribunal xorta waħda wasal għall-konklużjoni li t-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg kienet waħda "inġusta". Is-soċjetà appellata tgħid li hija ma tistax tifhem il-konklużjoni milħuqa mit-Tribunal meta dan kien diġà kkonkluda li hija mxiet mal-proċeduri dixxiplinarji stabbiliti u mad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Kollettiv, meta ħadet passi fil-konfront tal-appellat, imma mbagħad ikkonkluda li hija għandha tiġi kkundannata tħallas kumpens lill-appellat għaliex it-tkeċċija tiegħu mill-impjieg ma kinitx waħda ġusta.

17. Il-Qorti kkonsidrat li dawn il-proċeduri ġew mibdija mill-appellat wara li dan allega li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg bħala xufier tal-karozzi tal-linja mas-soċjetà appellanta kienet waħda inġusta u saret għal raġunijiet mhux xierqa. It-Tribunal kellu l-opportunità jevalwa il-provi li tressqu quddiemu, minn fejn jirriżulta li tul is-sentejn li l-appellat dam impjegat mas-soċjetà appellanta dan ingħata xejn inqas minn tmien twissijiet għal raġunijiet varji. Imma kien hemm żewġ inċidenti partikolari li wasslu biex jittieħdu passi dixxiplinarji fil-konfront tal-appellat, inċident minnhom fejn l-appellat iddeċieda li jibda tard il-vjaġġ fuq rotta li kellu jaħdem, xi ħaġa li wasslet għal ilmenti min-naħa tal-passiġġieri, u inċident ieħor fejn l-appellat instab rieqed fil-karozza tal-linja li

suppost ħadem biha, minflok ma beda l-vjaġġ tiegħu. L-appellat laqa' għal dan billi qal li ħafna drabi huwa kien jaħdem sigħat twal, u minkejja li meta kien jiġi offrut is-sahra kien jieħu gost biha, kien hemm drabi meta huwa kien iħossu għajjien jew saħansitra ma jiflaħx. Huwa iddefenda l-aġir tiegħu billi qal li dakinhar li nstab rieqed fil-karozza tal-linja, huwa ħassu ma jiflaħx u kien iddeċieda li jistrieħ qabel jibda l-vjaġġ b'sens ta' responsabbilità lejn il-passiġġieri li kellu jtella' miegħu. L-appellat allega wkoll li kienet issir diskriminazzjoni miegħu meta kien hemm drabi fejn kien irrapporta li kien ma jiflaħx, imma t-tabib tal-kumpannija kien jirrifjuta li jiċċertifikah marid. Fil-parti konklussiva tad-deċiżjoni appellata, it-Tribunal qies li m'hemm l-ebda ġustifikazzjoni għall-imġiba tal-appellat, partikolarment f'dawk id-drabi meta telaq tard biex jaħdem ir-rotta jew meta nqabad jieħu nagħsa minflok beda l-vjaġġ li kellu jagħmel, u żied jgħid li qatt mhuwa aċċettabbli li wieħed jabbanduna d-doveri tiegħu. It-Tribunal qies ukoll li dan il-każ irid jiġi evalwat minn diversi aspetti, u filwaqt li stabbilixxa li l-kumpannija kellha raġunijiet tajbin u validi biżżejjed biex tkeċċi lill-appellat, imma l-fatt li l-appellat igawdi *status* ta' refuġjat, jista' jagħti l-każ li dan iffaċċja problemi ta' lingwa anki biex jifhem x'kien mistenni minnu biex ikun jista' jiddefendi ruħu wara li ġie infurmat li kien qiegħed jiffaċċja proċeduri dixxiplinarji, u poġġa lill-appellat f'sitwazzjoni ta' impjieg prekarju u vulnerabbli. It-Tribunal qies li minkejja li f'dan il-każ messu kien ċar għall-appellat li wara li ngħata tmien twissijiet, aktarx li kien qiegħed jiffaċċja s-sanzjoni estrema ta' tkeċċija, dan xorta waħda għażel li ma jiddefendix ruħu. It-Tribunal qal ukoll li f'sitwazzjonijiet bħal dawn, id-Dipartiment tar-Riżorsi Umani tas-soċjetà appellanta kien messu bagħat għall-appellat u spjegalu aħjar kif kellu jiddefendi ruħu. It-Tribunal ikkonsidra

wkoll li kien hemm żball fil-ħin meta l-appellat kellu jidher quddiem il-Bord ta' Dixxiplina tas-soċjetà appellanta, u minkejja li l-appellat naqas milli jidher fil-ħin indikat lilu minħabba żball evidenti, il-Bord xorta waħda għadda biex jiddeċiedi dwar it-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat fl-assenza tiegħu. Fil-konsiderazzjonijiet tiegħu, it-Tribunal qies li kull każ ta' tkeċċija minn impjieg, għandu mhux biss l-aspett legali tiegħu, iżda wkoll l-aspett uman, u f'dan il-każ l-aspett uman kien nieqes kompletament. It-Tribunal qies li apparti informazzjoni dwar il-proċess dixxiplinarju, is-soċjetà appellanta kellha wkoll tagħti informazzjoni dwar l-implikazzjonijiet u l-konsegwenzi li joħorġu minn dan il-proċess, għaliex l-appellat ma setax jagħmel deċiżjoni infurmata dwar l-aħjar mod kif seta' jiddefendi ruħu. Kien għalhekk, li t-Tribunal, fil-parti deċiżiva tad-deċiżjoni appellata, qal li filwaqt li kien qiegħed jirrikonoxxi li l-imġiba ħażina tal-appellat kienet waħda serja u kienet timmerita passi dixxiplinarji fil-konfront tiegħu, fl-istess ħin is-soċjetà appellanta naqset milli tifhem jekk l-appellat kienx jaf bl-implikazzjonijiet tal-ittri u tal-proċeduri li ttieħdu fil-konfront tiegħu. Meta qies dawn il-provi u x-xhieda kollha li tressqet, it-Tribunal ikkonkluda li t-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg kienet waħda inġusta, u għalhekk iddeċieda l-vertenza li kellu quddiemu billi stabbilixxa li għandu jitħallas kumpens lill-appellat.

18. Il-Qorti qieset dan l-aggravju fit-tul, wara li qrat fid-dettall is-sentenza appellata. Jirriżulta li minkejja li t-Tribunal iddeċieda li f'dan il-każ kien hemm diversi eżempji ta' imġiba ħażina li kienet timmerita passi dixxiplinarji fil-konfront tal-appellat, l-aktar waħda gravi fosthom dik li seħħet dakinhar li l-apellat minflok beda l-vjaġġ li kellu jagħmel, instab rieqed fil-karozza tal-linja li

suppost kien qiegħed jaħdem biha, dan xorta waħda wasal għall-konklużjoni li t-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg kienet waħda inġusta. Il-Qorti hawnhekk sejra tagħmel riferiment għal dak deċiż minn din il-Qorti diversament preseduta fid-deċiżjoni fl-ismijiet **James Buhagiar *vs.* Jani Limited**, tas-26 ta' Jannar, 2018, fejn inkiteb hekk:

> "Fi proċeduri relatati ma' każijiet ta' *unfair dismissal* hu meħtieġ li jiġi determinat:
>
> 1. X'kienet ir-raġuni għalfejn l-impjegat tkeċċa. Prova li għandha ssir mill-prinċipal;
> 2. Jekk il-prinċipal kienx raġonevoli fid-deċiżjoni li ħa li jkeċċi lill-impjegat. Din hi materja ta' fatt li jrid jiddeċiedi dwarha t-Tribunal. Fiha hemm inklużi l-konsiderazzjoni jekk il-prinċipal kienx raġonevoli li jittratta r-raġuni bħala raġuni xierqa biex ikeċċi lill-impjegat u kienx raġonevoli li fiċ-ċirkostanzi jiddeċiedi li jkeċċi lill-impjegat."

19. Il-Qorti tqis li f'dan il-każ is-soċjetà appellanta ressqet provi sufficjenti sabiex tipprova x'kienet ir-raġuni għat-tkeċċija tal-appellat. Jirriżulta li f'perijodu ta' sentejn, l-appellat irċieva xejn anqas minn tmien twissijiet, u r-raġunijiet għalfejn inħarġu dawn it-twissijiet kienu jvarjaw minn inċidenti żgħar bil-vettura li kien qiegħed isuq, għal meta dan irrapporta tard għax-xogħol u b'hekk ħalla lill-passiġġieri jistennew, u għal meta l-appellat minflok beda r-rotta tiegħu, raqad fil-karozza tal-linja li suppost kien qiegħed jaħdem biha. Il-Qorti qieset ukoll il-fatt li t-Tribunal fil-konsiderazzjonijiet tiegħu rrileva li dan l-aġir tal-appellat kien wieħed gravi u serju biżżejjed biex jimmerita passi dixxiplinarji fil-konfront tiegħu, imma mbagħad it-Tribunal xorta waħda wasal għall-konklużjoni li t-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg kienet waħda li saret għal raġunijiet mhux xierqa u għalhekk kienet inġusta. Il-Qorti tqis li s-soċjetà appellanta kellha raġunijiet xierqa biżżejjed biex tiddeċiedi li l-appellat għandu jitkeċċa mill-impjieg, u dan minkejja li f'istanza partikolari kien hemm żball

evidenti fil-ħin meta kellhom jinstemgħu l-proċeduri dixxiplinarji fil-konfront tiegħu. Jirriżulta li l-appellat kellu diversi episodji meta huwa rrapporta għax-xogħol tard, u dan b'detriment għall-interessi tas-soċjetà appellanta li kienet timpjegah. Mill-provi li tressqu quddiem it-Tribunal jirriżulta li kull darba li s-soċjetà appellanta tonqos mill-obbligi tagħha lejn il-pubbliku, partikolarment meta s-servizz fuq rotta partikolari ma jkunx fil-ħin, din tiffaċċja penali imposti fuqha minn Transport Malta. Dan apparti l-fatt li min jagħmel użu mis-servizz tat-trasport pubbliku ħafna drabi jkun sejjer għax-xogħol jew l-iskola, u għalhekk huwa mill-aktar impellenti li dan is-servizz ikun fil-ħin sabiex jiġi assigurat li l-passiġġieri ma jiffaċċjawx konsegwenzi minħabba d-dewmien jew il-fatt li jaslu tard għax-xogħol. Jirriżulta li minkejja numru ta' twissijiet, l-appellat baqa' ma fehemx l-import tal-imġiba tiegħu, mhux għaliex kien hemm problemi ta' komunikazzjoni, kif ikkonkluda t-Tribunal, imma għaliex l-appellat għażel li ripetutament jinjora t-twissijiet li kienu qegħdin jingħatawlu. Jirriżulta wkoll mill-atti li l-appellat ingħata taħriġ adegwat qabel beda l-impjieg tiegħu, u l-appellat ta d-depożizzjoni tiegħu b'mod koerenti bil-lingwa Ingliża, fattur dan li jxejjen għalkollox dak li stqarr it-Tribunal li seta' kien hemm xi problemi ta' komunikazzjoni mal-appellat. Din il-Qorti tqis għalhekk li l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta huwa ġustifikat u għandu jintlaqa' għaliex m'hemm xejn fil-provi li kellu jwassal lit-Tribunal jiddeċiedi li t-tkeċċija tal-appellat ma kinitx ġustifikata. Jirriżulta wkoll li l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal loġikament ma kellhomx iwasslu għall-konklużjoni li t-tkeċċija tal-appellat kienet waħda inġusta jew għal raġunijiet mhux xierqa.

*It-tieni aggravju:* *deċiżjoni bbażata fuq kunsiderazzjonijiet li ma tqajmux mill-partijiet bi ksur tal-prinċipju* 'iuxta allegata et probata'

20. Is-soċjetà appellanta tgħid li d-deċiżjoni tat-Tribunal ingħatat bi ksur tal-prinċipju '*iuxta allegata et probata*', għaliex hija msejsa fuq konsiderazzjonijiet li ma tqanqlux mill-partijiet, u li jinjoraw it-talbiet u l-eċċezzjonijiet li t-Tribunal kellu jikkonsidra. Is-soċjetà appellanta tgħid li t-Tribunal qajjem diversi punti *ex officio* li ma kinux sorretti mill-provi li tressqu mill-partijiet fil-kawża. Tgħid li kuntrarjament għal dak li kkonkluda t-Tribunal, jirriżulta li l-appellat fehem sew li l-implikazzjonijiet tat-twissijiet li ngħata kienu ser iwassluh biex jitlef xogħlu, u minkejja li huwa kien jaf bid-drittijiet tiegħu, inkluż dak li seta' jkun assistit minn uffiċjal tal-*union,* huwa għażel li ma jkunx assistit. Żiedet tgħid li minkejja li din il-kawża kellha tiġi deċiża fuq il-mertu, it-Tribunal ibbaża l-konklużjonijiet tiegħu fuq diversi asserzjonijiet li ma kinux korretti, fosthom li peress li l-appellat huwa persuna ta' nazzjonalità barranija, dan ma fehemx l-import tal-proċeduri dixxiplinarji li kien qiegħed jiffaċċja.

21. B'riferiment għall-prinċipju sagrosant ta' *iuxta allegata et probata,* din il-Qorti tiċċita dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tonna *vs.* Philip Azzopardi**, mogħtija fit-12 ta' April, 2007, fejn inkiteb illi:

> "Il-ġudikant adit mill-mertu tal-każ hu tenut jiddeċiedi *iuxta allegata et probata,* u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkostanzi tal-fatti dedotti a bażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-

> provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat."

21. Dan ifisser li l-ġudikant fid-deċiżjoni tiegħu, irid jiddeċiedi fuq it-talbiet li jsiru mill-persuna li tibda l-proċeduri, wara li jikkonsidra l-eċċezzjonijiet imressqa mill-parti imħarrka fil-kawża. Il-Qorti tirrileva li l-ġudikant huwa tenut li jiddeċiedi wkoll abbażi tal-provi dokumentarji u tax-xhieda li jiddeponu quddiemu, u l-konsiderazzjonijiet li jwasslu għas-sentenza għandhom ikunu bbażati fuq il-provi miġjuba mill-partijiet, wara li jiġi stabbilit jekk il-persuna li fetħet il-kawża, irnexxilhiex tipprova għas-sodisfazzjon tal-Qorti t-talbiet tagħha. F'dan il-każ, minkejja l-allegazzjonijiet li saru mill-appellat, it-Tribunal ikkonkluda li dan ma rnexxilux jipprova b'liema mod saret diskriminazzjoni li huwa allega li saret kontra tiegħu. Imma t-Tribunal imbagħad ikkonsidra fatturi oħra li ma tqajmu mill-ebda parti fil-kawża, senjatament id-diffikultajiet fil-komunikazzjoni u l-problemi kulturali li jistgħu jiffaċċjaw persuni ta' nazzjonalità barranija bħall-appellat. It-Tribunal ibbaża ruħu fuq il-konġetturi jew il-perċezzjoni, ossija opinjoni, li l-appellat jista' jkun li ġarrab dawn id-diffikultajiet, u minħabba fihom ma fehemx l-import tal-imġiba tiegħu, jew il-fatt li t-twissijiet ripetuti li kien qiegħed jingħata, kienu ser iwasslu għat-tkeċċija tiegħu mill-impjieg.

22. Imma l-Qorti tqis li dawn l-asserzjonijiet li għamel it-Tribunal fil-konsiderazzjonijiet tiegħu, bl-ebda mod ma jirriżultaw mill-atti, u l-appellat innifsu mkien ma stqarr li huwa kellu xi diffikultà biex jifhem l-import tal-proċeduri li ttieħdu fil-konfront tiegħu. L-unika diffikultà li jirriżulta li kien hemm kienet bil-ħin li huwa ngħata għas-smigħ tal-proċeduri dixxiplinarji,

imma l-Qorti tirrileva li dan kien biss episodju wieħed fejn l-appellat naqas milli jidher u li jkun rappreżentat, anki jekk dan ma ġarax bi ħtija tiegħu. L-appellat kellu seba' episodji oħra fejn huwa ngħata twissijiet għal raġunijiet varji, imma jirriżulta li huwa qatt ma kkontesta dawn it-twissijiet, jew b'xi mod avviċina lill-*management* tas-soċjetà appellanti sabiex jispjega ruħu jew jilmenta minn xi trattament diskriminatorju li huwa jallega li kien qiegħed jingħata. Kien biss wara li huwa ġie infurmat li kien tkeċċa mill-impjieg, li l-appellat istitwixxa dawn il-proċeduri u kkontesta l-mod li bih huwa safa mkeċċi mill-impjieg. Kien jinkombi fuq r-rikorrent li jipprova l-allegazzjonijiet tiegħu, partikolarment l-allegazzjoni li saret diskriminazzjoni kontra tiegħu, imma dan naqas milli jispeċifika b'liema mod huwa safa diskriminat. It-Tribunal kellu joqgħod fuq il-provi prodotti mill-partijiet sabiex jasal għad-deċiżjoni tiegħu, u mhux jagħmel numru ta' asserzjonijiet ibbażati fuq ġeneralizzazzjonijiet li ma jirriżultawx mill-provi prodotti. Huwa għalhekk li l-Qorti tqis li t-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta huwa mistħoqq, u tilqgħu wkoll.

*It-Tielet Aggravju:* *anki f'każ li jirriżultaw nuqqasijiet proċedurali, l-appellat ma ħaqqux kumpens għaliex it-tkeċċija saret għal raġunijiet li jaħti għalihom hu*

23. Is-soċjetà appellanta tgħid li difett jew vizzju fil-proċedura mhux neċessarjament għandu jwassal biex jivvizzja l-proċess tat-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg, u wara li rriżulta li min iħaddem f'dan il-każ mexa mal-proċeduri stipulati fil-Ftehim Kollettiv, dan ma kellux jiġi ordnat iħallas kumpens.

24. Anki hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **James Buhagiar *vs.* Jani Limited**, ġia ċitata, fejn inkiteb:

> "Fil-fehma tal-Qorti, għal dak li jikkonċerna proċeduri dwar allegat tkeċċija inġusta, il-fatt biss li l-prinċipal ma jkunx segwa proċedura ta' dixxiplina stipulata f'kuntratt ta' impjieg, waħedha ma tissarrafx bilfors fi tkeċċija inġusta.
>
> ...
>
> Madankollu jista' jkun li n-nuqqas li l-impjegat jingħata l-opportunità biex jispjega ruħu dwar dak li jkun ġara u jressaq il-każ tiegħu twassal lit-Tribunal biex jikkonkludi li kien hemm tkeċċija inġusta. Dan għaliex in-nuqqas jista' jwassal lit-Tribunal biex jikkonkludi li l-prinċipal ma kienx raġonevoli meta kkunsidra r-raġuni għat-tkeċċija bħala raġuni xierqa. Sabiex jiġi determinat jekk tkeċċija kinitx ġusta, irid jiġi determinat jekk id-deċiżjoni tal-prinċipal **kinitx raġonevoli fiż-żmien li ħa d-deċiżjoni ta' tkeċċija.** Għalhekk nuqqas proċedurali hu wieħed mill-fatturi li t-Tribunal irid iqis meta jiġi biex jiddetermina jekk id-deċiżjoni tal-prinċipal kinitx raġonevoli. F'dak l-istadju t-Tribunal għandu jiddetermina per eżempju n-natura u l-gravità tal-aġir tal-impjegat li jkun wassal għat-tkeċċija; l-informazzjoni li fuqha bbaża d-deċiżjoni; u jekk kienx hemm iktar informazzjoni li l-prinċipal seta' akkwista wkoll permezz tal-proċeduri ta' dixxiplina.
>
> Jista' jkun hemm każijiet li fihom infushom il-fatti tant huma ċari li prinċipal raġonevoli jista' a bażi ta' dawk il-fatti magħrufa fiż-żmien tat-tkeċċija, jadotta l-fehma li hi x'inhi l-ispjegazzjoni li jagħti impjegat, il-proċeduri ta' dixxiplina mhuma ser jagħmlu ebda differenza fid-deċiżjoni finali tiegħu. Hekk per eżempju jista' jkun li l-impjegat jammetti b'mod ċar mal-prinċipal li jkun wettaq att ta' *gross misconduct.* Jista' imbagħad ikun hemm każijiet fejn fiż-żmien tat-tkeċċija ma kienx raġonevoli li l-prinċipal ikeċċi lill-impjegat mingħajr ma l-impjegat jingħata l-opportunità biex jispjega, iżda imbagħad minn provi li jirriżultaw waqt is-smigħ tal-kawża quddiem it-Tribunal Industrijali jirriżulta li fil-fatt it-tkeċċija kienet altru milli ġustifikata. Il-Qorti hi tal-fehma li f'dawk iċ-ċirkostanzi m'għandux ikun li l-impjegat jirċievi kumpens għat-tkeċċija. Fil-fehma tal-Qorti m'għandux ikun li t-Tribunal Industrijali jikkumpensa lil min kien jimmerita tkeċċija, għas-sempliċi raġuni li l-prinċipal ma jkunx segwa proċedura ta' dixxipina.
>
> Ovvjament fuq in-naħa l-oħra hemm dawk il-każijiet fejn ikun jidher li l-prinċipal aġixxa b'mod ġust fid-deċiżjoni li jkeċċi lill-impjegat a bażi tal-fatti magħrufa minnu fiż-żmien tat-tkeċċija, iżda imbagħad minn fatti li jirriżultaw quddiem it-Tribunal Industrijali jirriżulta li l-impjegat kien innoċenti. F'dawk il-każijiet in-nuqqas tal-

> prinċipal li jsegwi l-proċedura ta' dixxiplina ssir ferm rilevanti. Kieku jkun mod ieħor ikun ifisser li impjegat innoċenti m'għandux mezz li bih jottjeni rimedju, u dan m'għandux ikun. F'dak ix-xenarju d-deċiżjoni tal-prinċipal li jkeċċi lill-impjegat mingħajr ma jsegwi l-proċeduri ta' dixxiplina, timpinġi direttament fuq il-kwistjoni dwar jekk id-deċiżjoni ta' tkeċċija kinitx raġonevoli fiż-żmien li ttieħdet."

25. F'dan il-każ, it-Tribunal ikkonkluda li s-soċjetà appellanta mxiet mal-proċeduri dixxiplinarji stipulati fil-Ftehim Kollettiv, ħarġet numru ta' twissijiet għal raġunijiet varji fil-konfront tal-appellat, u finalment, wara li kien hemm ċirkostanza fejn l-appellat instab li kien rieqed fil-karozza tal-linja minflok beda r-rotta li kien obbligat jagħmel, huwa ntalab jattendi għal proċeduri dixxiplinarji quddiem Bord.

26. Il-Qorti tirrileva li f'dan il-każ kien it-Tribunal stess li wasal għall-konklużjoni li s-soċjetà appellanta segwiet il-proċeduri amministrattivi kollha stipulati, u minkejja li kien hemm ċirkostanza waħda fejn l-appellat naqas milli jidher quddiem il-Bord minħabba żball fil-ħin indikat lilu, id-deċiżjoni tas-soċjetà appellanta li titterminalu l-impjieg ma tistax titqies li ma kinitx xierqa u ġustifikata fiċ-ċirkostanzi. Il-Qorti hawnhekk tirrileva li mill-provi jirriżulta li s-soċjetà appellanta tinvesti ħafna ħin u flus fit-taħriġ tal-impjegati tagħha, u ċertament li wara li tkun investiet dak kollu, l-għan prinċipali tagħha mhux li b'xi mod tikkastiga jew tittermina l-impjiegi tal-ħaddiema li jkollha magħha b'kapriċċ. F'dan il-każ, il-konklużjoni tat-Tribunal ma messhiex kienet li s-soċjetà appellanta għandha tħallas xi forma ta' kumpens lill-appellat, ladarba ġie stabbilit li s-soċjetà appellanta mxiet mar-regoli proċedurali rigward teħid ta' passi dixxiplinarji fil-konfront tal-impjegati tagħha, u ladarba ma jistax

jingħad li d-deċiżjoni li l-appellat jitkeċċa mill-impjieg ma kinitx ġustifikata fiċ-ċirkostanzi.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi l-appell tas-soċjetá appellanta billi:**

1) **Tilqa' l-aggravji kollha tas-soċjetà appellanta;**

2) **Tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà appellanta u tiddikjara li t-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg kienet waħda ġusta u sufficjenti skont il-liġi.**

**Spejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal u ta' dan l-appell, huma a karigu tal-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**